

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10588/26
ADD 1

CLIMA 332
ENV 740
TRANS 423
MI 642
CODEC 1190

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3922 final - annex
Suġġett:	ANNESSI tar- Regolament Deleġat tal-Kummissjoni li jemenda u jikkoreġi l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li għandha tiġi mmonitorjata, irrapportata u ppubblikata

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3922 final - annex - annex.

Mehmuż: C(2026) 3922 final - annex - annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
C(2026) 3922 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda u jikkoreġi l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li għandha tiġi mmonitorjata, irrapportata u ppubblikata

ANNEX I

1. L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Part A hija emendata kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-isem tal-manifattur li lilu tiġi attribwita l-vettura heavy-duty f'konformità mal-Artikolu 7a, il-punt (a), (b) jew (c);”;

(b) jiżdiedu l-punti (t) u (u) li ġejjin:

“(t) għal vetturi tal-kategorija M, l-isem tal-manifattur tal-vettura sħiħa jew kompluta li għalih japplikaw l-obbligi ta' rapportar kif previsti fil-kolonna “Manifattur tal-vettura” tal-ewwel tabella fil-Parti B tal-Anness IV;

(u) għall-vetturi tal-kategorija M, il-kodiċi tal-identifikatur dinji tal-manifattur (WMI) li jikkonsisti fi tliet karattri, f'konformità mal-Anness II, il-Parti 2, it-Taqsima A, il-punt 2.2., tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535^(*), tal-manifattur tal-vettura sħiħa jew kompluta imsemmi fil-punt (t). Meta t-tielet karattru tal-kodiċi WMI jkun “9”, barra minn hekk, it-tielet, ir-raba' u l-ħames karattri tat-taqsima tal-indikatur tal-vettura (VIS), li huma assenjati biex jidentifikaw lil dak il-manifattur f'konformità mal-Anness II, il-Parti 2, it-Taqsima A, il-punt 2.2.3., ta' dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/535 tal-31 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni u s-sikurezza tagħhom (ĠU L 117, 6.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/535/oj).”

(2) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) l-ewwel tabella hija emendata kif ġej:

(i) fl-oqsma kollha kkonċernati, l-“(*)” huwa sostitwit b’“(9)”;

(ii) l-aħħar nota f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

“(9) Kif speċifikat fit-tabella bit-titolu “Informazzjoni addizzjonali”.”;

(b) it-tieni tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Informazzjoni addizzjonali			
Nru	Parametru tal-monitoraġġ	Sors ⁽¹⁾	Kategoriji ta' vetturi li għalihom japplika l-parametru tal-monitoraġġ ⁽²⁾
15	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur)		Kollha
24	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-trażmissjoni ⁽³⁾	Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;

25	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-trażmissjoni) ⁽³⁾	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
32	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-fusien ⁽³⁾	Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
33	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tal-fusien) ⁽³⁾	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
39	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tat-tajers	Il-punt 1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
40	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tat-tajers)	Il-punt 3 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
72	Numru tal-liċenzja biex tiġi operata l-għodda ta' simulazzjoni		Kollha
75	L-emissjonijiet tal-massa tas-CO ₂ tal-magna tul iċ-ċiklu tat-test tranżitorju (WHTC) ⁽⁴⁾ (g/kWh)	Il-punt 1.4.2 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 ⁽⁵⁾ , skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
76	Il-konsum ta' fjuwil tal-magna tul id-WHTC (g/kWh) ⁽⁶⁾	Il-punt 1.4.2 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.2 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
77	L-emissjonijiet tal-massa tas-CO ₂ tal-magna tul iċ-ċiklu	Il-punt 1.4.1 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1	Kategorija N;

	stazzjonarju armonizzat dinji (WHSC) ⁽⁷⁾ (g/kWh)	tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija M: vettura primarja biss;
78	Il-konsum tal-fjuwil tal-magna tul id-WHSC (g/kWh) ⁽⁶⁾	Il-punt 1.4.1 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 5, jew il-punt 1.4.1 tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 7, tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
101	Għall-vetturi heavy-duty b'data ta' simulazzjoni mill-1 ta' Lulju 2020, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-magna	Il-punt 1.2.1. tal- <i>addendum</i> tal-Appendiċi 5, 6 jew 7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema jkun applikabbli	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
102	Għall-vetturi heavy-duty b'data ta' simulazzjoni mill-1 ta' Lulju 2021, il-fajl ta' valuri separati b'virgola tal-istess isem bħall-job file u b'estensjoni .vsum li jinkludi r-riżultati aggregati għal kull profil tal-missjoni u kundizzjoni ta' tagħbija simulati	Fajl iġġenerat bl-għodda ta' simulazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/2400 fil-verżjoni tal-interfaċċa grafika tal-utent (GUI) tiegħu	Kollha
103	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-magni b'kombustjoni interna	Il-punt 0.5 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi I tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
104	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tal-magni b'kombustjoni interna)	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi I tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
105	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tas-sistema tal-magna elettrika / tal-komponent integrat tas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika (IEPC) / tal-komponent integrat tas-sistema tal-motopropulsjoni ta' vettura elettrika ibrida (IHPC) tat-Tip 1 ⁽³⁾	Il-punt 0.5 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi I tal-Anness Xb tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
106	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tas-sistema tal-magna elettrika / tal-IEPC / tal-IHPC tat-Tip 1) ⁽³⁾	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi I tal-Anness Xb tar-Regolament	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;

		(UE) 2017/2400	
107	L-isem u l-indirizz tal-manifattur taç-ċellooli tal-fjuwil ⁽³⁾	Il-punt 0.5 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness Xb tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
108	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur taç-ċellooli tal-fjuwil) ⁽³⁾	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness Xb tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss;
109	L-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' sistemi tal-ħżin tal-enerġija elettrika ⁽³⁾	Il-punt 0.5 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness Xb tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
110	L-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur ta' sistemi tal-ħżin tal-enerġija elettrika) ⁽³⁾	Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness Xb tar-Regolament (UE) 2017/2400	Kategorija N; Kategorija M: vettura primarja biss; Kategorija O;
111	Il-preżenza ta' magna b'kombustjoni interna biex titħaddem l-unità refriġeratorja (iva/le)		Kategorija O;
112	Koeffiċjent K (W/m ² -K)	Il-punt 7.2.4 tal-mudell taç-ċertifikat ta' konformità tat-tagħmir mal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti tal-Ikel li Jitħassru u dwar it-Tagħmir Speċjali li għandu jintuża għal Trasport bħal dan (ATP) ⁽⁸⁾ , speċifikat fl-Anness 1, l-Appendiċi 3, tal-Ftehim	Kategorija O ⁽⁹⁾ ;
113	Preżenza ta' art li tiçcaqlaq attwata (iva/le)		Kategorija O;
114	Trejler b'għoli intern tal-karozzerija, kif definit fil-punt 1(4) tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362, akbar minn 3,5 m (iva/le)		Kategorija O;
115	Preżenza ta' art sekondarja li tkopri aktar minn 50 % tat-tul intern tal-karozzerija tat-		Kategorija O;

	trejler, kif definit fil-punt 1(5) tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362 (iva/le)		
116	Ċertifikazzjoni tat-trasport ikkombinat bejn ferrovija u triq skont il-Fuljett tal-Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja (UIC) 596-5 ⁽¹⁰⁾ jew il-Fuljett tal-UIC 597 ⁽¹¹⁾ (iva/le)		Kategorija O;
117	Ċertifikazzjoni tat-trasport ikkombinat bejn lanċa u triq skont l-MS.C.479(102) ⁽¹²⁾ (iva/le)		Kategorija O;
118	In-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-ADR għat-trejlers EX/III	Il-punt 1 tal-mudell għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għal vetturi li jgħorru ċerti oġġetti perikolużi speċifikat fil-Parti 9, il-Kapitolu 9.1, il-punt 9.1.3.5 tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) ⁽¹³⁾	Kategorija O ⁽¹⁴⁾ ;
119	Informazzjoni dwar teknoloġiji speċifiċi tal-vetturi li mhumiex koperti minn xi wieħed mill-parametri ta' monitoraġġ ta' hawn fuq (fakultattiva)		Kollha ⁽¹⁵⁾

⁽¹⁾ Meta jintużaw valuri standard għal komponent, unità teknika separata jew sistema li għaliha jirreferi parametru ta' monitoraġġ għall-fini tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont ir-Regolament (UE) 2017/2400 jew ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362 minflok il-valuri ċertifikati, ir-rapportaturi għandhom jirreferu għad-dokumentazzjoni interna tagħhom bħala s-sors għall-parametru ta' monitoraġġ korrispondenti. Meta s-sors ta' parametru ta' monitoraġġ ma jkunx speċifikat b' mod espliċitu, ir-rapportaturi għandhom jirreferu wkoll għad-dokumentazzjoni interna tagħhom.

⁽²⁾ Meta vettura heavy-duty ma jkollhiex komponent, unità teknika separata jew sistema, jew karatteristika teknika li għaliha jirreferi parametru ta' monitoraġġ, il-parametru ta' monitoraġġ korrispondenti ma għandux jiġi rrapportat għall-vettura inkwistjoni.

⁽³⁾ Meta vettura heavy-duty jkun fiha diversi komponenti, unitajiet tekniċi separati jew sistemi tal-istess tip prodotti minn manifatturi differenti, il-parametru ta' monitoraġġ għandu jiġi rrapportat għal kull manifattur.

⁽⁴⁾ Ċiklu Tranżitorju Armonizzat f' Livell Dinji.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/582/oj>).

⁽⁶⁾ Għal vetturi heavy-duty li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil, dan il-parametru ta' monitoraġġ għandu jiġi rrapportat separatament għal kull fjuwil iddikjarat matul id-determinazzjoni tas-CO₂ f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2400.

⁽⁷⁾ Ċiklu Tranżitorju Armonizzat f' Livell Dinji.

⁽⁸⁾ Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti tal-Ikel li Jitħassru u dwar it-Tagħmir Speċjali li għandu jintuża għal Trasport bħal dan (ATP), magħmul f'Ġinevra fl-1 ta' Settembru 1970 u li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 1976, kif emendat.

⁽⁹⁾ Dan il-parametru għandu jiġi rrapportat biss għal trejlers b'ċertifikat ta' konformità tal-ATP.

⁽¹⁰⁾ Il-Fuljett tal-UIC 596-5 Semitrejlers b'sistema tal-qbid għat-tagħbija u l-ħatt ta' oġġetti tqal.

⁽¹¹⁾ Il-Fuljett tal-UIC 597 Semitrejlers fuq bogies.

⁽¹²⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) MSC.479(102) (adottata fil-11 ta' Novembru 2020), Linji Gwida Riveduti għall-Iżgurar ta' Arranġamenti għat-Trasport ta' Vetturi tat-Triq fuq Bastimenti Ro-Ro.

⁽¹³⁾ Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR), magħmul f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957 u li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 1968, kif emendat.

⁽¹⁴⁾ Dan il-parametru għandu jiġi rrapportat biss għal trejlers EX/III b'ċertifikat ta' approvazzjoni tal-ADR.

⁽¹⁵⁾ Dan il-parametru jista' jiġi rrapportat b'mod fakultattiv għal vetturi b'teknoloġiji speċifiċi tal-vetturi li mhumiex koperti minn xi parametru ta' monitoraġġ ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom.”;

2. L-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1242 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 2.1. huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-kodiċi jew il-kodiċijiet tad-WMI assenjati lill-manifattur, u, għal kull kodiċi tad-WMI fejn it-tielet karattru huwa “9”, barra minn hekk, it-tielet, ir-raba' u l-ħames karattri tal-VIS assenjati biex jidentifikaw il-manifattur”;

(b) jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) il-kategorija tal-vettura tal-vetturi li għalihom il-manifattur għandu obbligu ta' rrapportar f'konformità mal-Artikolu 13b.”;

(2) il-punti 2.3. u 2.4 li ġejjin huma miżjuda:

“2.3. Is-servizzi tekniċi maħtura li huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vetturi heavy-duty tal-kategoriji O₃ u O₄ skont l-Artikolu 8(6) u (7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362, għandhom, mingħajr dewmien, jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tas-servizz tekniku;

(b) l-Istat Membru li jkun ħatar is-servizz tekniku;

(c) il-punt ta' kuntatt responsabbli biex jittrażmetti d-data lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

(d) l-ismijiet tal-manifatturi li jkunu għamli s-servizz tekniku responsabbli għas-simulazzjoni u r-rapportar tad-data dwar il-vetturi tagħhom;

(e) il-kodiċi jew il-kodiċijiet tad-WMI assenjati lill-manifatturi li jkunu għamli s-servizz tekniku responsabbli għas-simulazzjoni u r-rapportar tad-data dwar il-vetturi tagħhom, u, għal kull kodiċi tad-WMI li t-tielet karattru tiegħu jkun “9”, flimkien ma' dan it-tielet, ir-raba' u l-ħames karattri tal-VIS assenjati biex jidentifikaw il-manifattur ikkonċernat.

Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla f'dik l-informazzjoni.

In-notifiki għandhom jintbagħtu fl-indirizzi msemmija fil-punt 1.1.

2.4. B'deroga mill-punt 2.2, għal vetturi heavy-duty tal-kategoriji O₃ u O₄, li għalihom ir-responsabbiltà għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ġiet assenjata lil servizz tekniku maħtur skont l-Artikolu 8(6) u (7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362, id-data speċifikata fil-Parti B tal-Anness IV għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 13b mill-punt ta' kuntatt tas-servizz tekniku permezz ta' trasferiment elettroniku tad-data lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent permezz tal-posta elektronika fl-indirizzi msemmija fil-punt 1.1 meta tiġi trażmessa d-data.”;

(3) fil-punt 3.2., jiżdienu l-punti li ġejjin:

“3.2.16. il-fajl ta’ informazzjoni dwar il-vettura (VIF);

3.2.17. l-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-magni b’kombustjoni interna;

3.2.18. l-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tal-magni b’kombustjoni interna);

3.2.19. l-isem u l-indirizz tal-manifattur tas-sistema tal-magna elettrika / tal-IEPC / tal-IHPC tat-Tip 1;

3.2.20. l-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur tas-sistema tal-magna elettrika / tal-IEPC / tal-IHPC tat-Tip 1);

3.2.21. l-isem u l-indirizz tal-manifattur taç-çelloli tal-fjuwil;

3.2.22. l-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur taç-çelloli tal-fjuwil);

3.2.23. l-isem u l-indirizz tal-manifattur ta’ sistemi tal-ħżin tal-enerġija elettrika;

3.2.24. l-għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur ta’ sistema tal-ħżin tal-enerġija elettrika);

3.2.25. Koeffiċjent K (W/m^2-K);

3.2.26. in-numru taç-çertifikat tal-approvazzjoni tal-ADR għat-trejlers EX/III.”.

ANNEX II

1. L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1242 huwa kkoreġut kif ġej:
fil-Parti C, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-fini li tkun pubblikament disponibbli ċ-ċifra CdxA li tinsab fil-fajl tar-rekords tal-manifattur f'konformità mal-Artikolu 13c, il-Kummissjoni għandha tuża l-meded definiti fit-tabella li ġejja li fiha l-medda korrispondenti għal kull ċifra CdxA:”.

2. L-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1242 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fil-punt 1.1., it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent permezz tal-posta elettronika fl-indirizzi li ġejjin meta tiġi trażmessa d-data:

EC-CO2-HDV-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu

u

HDV-monitoring@eea.europa.eu”;

(b) il-punt 2.1. huwa kkoreġut kif ġej:

(i) is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“2.1. Il-manifatturi għandhom, mingħajr dewmien, jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent l-informazzjoni li ġejja:”;

(ii) it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla f'dik l-informazzjoni.”;

(c) il-punt 2.2. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2.2. Id-data speċifikata fil-Parti B tal-Anness IV għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-Artikolu 13b mill-punt ta' kuntatt tal-manifattur permezz tat-trasferiment elettroniku tad-data lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent permezz tal-posta elettronika fl-indirizzi msemmija fil-punt 1.1. meta tiġi trażmessa d-data.”.